MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Numru. 1315/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**Vs**

**Priscilla Falzon ta' 33 sena, bint Emanuel Falzon u Maria Grazja nee' Zammit, imwielda Attard fil-15 ta' Novembru 1978, residenti fil-fond 37, Triq Indri Cilia, Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0017579(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Priscilla Falzon li giet akkuzata talli nhar is-27 ta' Gunju 2008 u fil-jiem ta' wara din id-data, b'qerq fethet jew gieghlet li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi ikkunsinnat, jew b'qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett psotali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunikat jew ghamlet uzu

minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh u dan ai termini ta'l-artikolu 74 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, bhala ufficjal ta' operatur postali, agixxiet bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-disposizzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ksur sar ai termini ta'l-artikolu 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-15 ta' Dicembru 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata f'dina l-kawza qed tiffaccja akkuzi li jaqghu taht l-Att Dwar is-Servizzi Postali, Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina il-ligi dahhlet fil-legislazzjoni ta' pajjizna fid-9 ta'Dicembru 1975 u cioe' fiz-zmien meta is-servizz postali f'pajjizna kien kompletament ikkontrollat mill-Istat. Mas-shubija ta' pajjizna fl-Unjoni Ewropeja, ghalhekk inhasset il-htiega illi isiru emendi f'dina il-ligi u dana sabiex ikun hemm adezjoni mad-direttivi mahruga mill-Unjoni Ewropeja dwar il-liberalizazzjoni ta' dan is-settur. Kien minhabba f'hekk ghalhekk illi fl-20 ta' Lulju 2010 saru diversi emendi ghal dina l-ligi u dana permezz ta'l-Att XII ta'l-2010. Fil-fatt fid-dibattiti parlamentari ghal dina l-emenda l-Ministru responsabbli ghal dan qal hekk:

**"*Dan l-abbozz se jbiddel iktar u iktar l-Att dwar is-Servizzi Postali li kienet miktuba ħafna żmien ilu, imma qatt ma ġiet aġġornata għar-realtajiet tal-lum..... L-iskop ewlieni tar-reviżjoni tal-liġi hu biex nirriflettu ħafna aħjar il-ħteġijiet preżenti li għandna f'dan il-qasam konformi mal-framework tal-Unjoni Ewropea fejn mill-1 ta' Jannar 2013 dan is-settur għandu jkun kompletament liberalizzat. ....Minħabba raġunijiet li*

***joħorġu mid-direttivi tal-Unjoni Ewropea qegħdin inbiddlu numru ta' tifsiriet li jridu jiġu aġġornati ....***"

Illi fost l-emendi li saru ghall-ligi, gew mibdula kompletament id-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw r-reati li jaqghu taht dana l-Att. Ir-reati kollha gew inkorporati f'disposizzjoni wahda u cioe' l-artikolu 62 ta'l-Att li jitkellem dwar ir-reati u l-pieni ghall-istess. Fid-dibattiti ghal dina l-emenda il-ministru responsabbli ghal dana l-qasam, l-Ministru Austin Gatt jispjega ir-raguni wara tali bidla:

"***Qegħdin innaqqsu - naħseb li din hi importanti ħafna - s-sanzjonijiet kriminali u nagħmluhom iktar sanzjonijiet amministrattivi. Hawnhekk qed nitkellem fuq is-servizz postali meta l-posta kienet prattikament il-posta tal-Istat u kienet l-uniku mezz ta' komunikazzjoni bejn il-bnedmin, allura l-abbuż fuq l-oġġetti postali kienet iktar ħaġa gravi u għalhekk kienu ddaħħlu ħafna reati kriminali. Naħsbu li llum, f'settur fejn hemm kompetizzjoni ekonomika, iktar jixraq li wieħed iħares lejn is-sanzjonijiet amministrattivi milli lejn is-sanzjonijiet kriminali.***"[1]

Minn hawn johrog car ghalhekk illi l-emenda li saret f'dana ir-rigward kellha bhala l-ghan taghha illi tnaqqas kemm jista' ikun is-sanzjonijiet penali f'settur li illum il-gurnata ma baqax ikkontrollat mill-Istat. Tant hu hekk illi l-artikolu 30 ta'l-Att tnehha kompletament. Dana kien jirreferi ghal gurament li kienu jiehdu il-pustiera meta jibdew is-servizz taghhom. Fil-fatt anke l-Ewwel Skeda ghall-Att giet revokata u dana sabiex tkun konformi mal-emendi introdotti. X'aktarx illi bi zvista, madanakollu, l-artikolu 75 tal-Att li jirrendi il-ksur ta' dana il-gurament reat kriminali ma giex eliminat mill-ligi biex b'hekk illum hemm dina l-anomalija.

Illi qed jinghad dana kollu minhabba l-fatt illi l-imputata hija akkuzat taht disposizzjonijiet tal-ligi li kienu jezistu qabel id-dhul fis-sehh ta' dawn l-emendi. Fil-fatt l-akkuzi jirreferu

---

[1] **Sitting Number: 250 - Monday, 05 July 2010**

ghad-data tas-27 ta’ Gunju 2008 u il-jiem ta’ wara dina id-data. Matul il-mori tal-kawza il-ligi giet emendata biex b’hekk illum ir-reat ikkontemplat fit-tieni akkuza migjuba kontra l-imputata ma ghadux jezisti!

Illi l-Qorti ghalhekk ma tista’ qatt issib htija ghal kummissjoni ta’ fatt illi illum ma ghadux jikkostitwixxi reat taht id-dritt penali taghna. Di piu’ il-Qorti li illum trid tghaddi ghal gudikat f’dina l-istanza hija rinfaccajat b’akkuza moghtija taht disposizzjoni tal-ligi li illum hija inezistenti. Illi l-Prosekuzzjoni ma tallbet l-ebda korrezzjoni fl-akkuzi meta dahhlu l-emendi fis-sehh u dana sabiex tikkonforma ruhha ma’ dana il-fatt, biex b’hekk l-akkuza kif formulata hija illum legalment insostenibbli.

Ikkunsidrat,

Illi maghdud dana kollu, l-Qorti ser tghaddi beix tezamina l-mertu ta’ dana l-kaz u dana sabiex b’hekk dina l-istorja issib t-tmiem taghha darba ghal dejjem. Fil-fatt Il-Qorti hija kemmxejn perplessa kif l-kwerelant hass illi kellu iressaq dana il-kaz quddiem il-qrati kriminali, meta kien huwa stess illi iggudika lill-imputata ghall-allegat nuqqas minn naha taghha u wasal sabiex ikeccieha mill-impieg taghha, u inoltre meta mill-atti tal-kawza jidher car illi r-reat ma jistax jissussiti ghaliex l-*mens rea* rikjest mill-ligi qatt ma kien jirrizulta mill-fattispecje ta’ dana il-kaz. Dana ghaliex l-artikolu 74 ta’l-Att jitkellem car dwar l-element tal-qerq. Bl-emendi li gew introdotti fl-2010, dana ir-reat gie trasportat fl-artikolu 62(h) fejn il-kelma “qerq” giet sostiwita bil-kliem “b’ghemil doluz”. In-nuqqas tal-konsenja ta’l-ittra jew ittri ghalhekk irid isir mhux b’xi disattenzjoni, jew f’mument ta’distrazzjoni, jew minhabba f’ghazz jew korriment fuq il-post tax-xoghol, izda irid issir malizjosament, b’qerq, b’ingann, b’imbroll u cioe’ irid ikun hemm l-intenzjoni specifika u diretta biex tikkaguna hsara u dana b’hazen.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-imputata qed tifaccja dawn l-akkuzi minhabba nuqqas ta’ konsenja ta’ 25 ittra postali.[2]

[2] Elenku ta’l-ittri tinsab f’ittra datata 14 ta’ Lulju 2008 esebieta a fol.21 u 22 tal-process

Wahda kienet iggib id-data fuq it-timbru postal tal-Gimgha 27 ta' Gunju 2008, u 24 ittra bid-data tat-28 ta' Gunju 2008. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputata sofriet korriment fuq il-post tax-xoghol fl-1 ta' Lulju 2008, tant illi hija ittiehdet l-isptar ghal kura. Meta gie ivverifikat x'posta kien ghad hemm pendenti biex tigi imqassma, is-supervisor David Gray sab fit-tray tal-posta ta'l-imputata dawn il-25 ittra li kienu jirreferu ghad-dati tas-27 u 28 ta' Gunju. Rose Abela li fiz-zmien dana il-kaz kienet assistant manager tghid illi meta staqsiet lill-imputata 'il ghala ma qassmitx dawn l-ittri, dina tatha diversi risposti fosthom li kienet irceviet hafna kontijiet u kienet inkwetata, illi kellha hafna ittri xi tqassam u ma lahqitx u anke illi ma kenitx thallset ghal xi overtime.[3] L-imputata madanakollu taghti verzjoni differenti u tichad li qalet dana id-diskors lil Rose Abela. Fl-ewwel lok hija tinsisti illi fis-27 ta' Gunju 2008 hija kienet bil-*leave* u l-ittra b'dik id-data hija sabitha fuq il-mejda taghha l-ghada meta dahhlet ghax-xoghol. Issostni illi l-24 ittra datati 28 ta' Gunju 2008, kienu gew issortjati tard f'dak il-jum u cioe' fil-jum tas-Sibt u ghalhekk il-konsenja taghhom kellha taghmilha it-Tnejn 30 ta' Gunju. L-imputata izzid illi fil-gurnata tat-30 ta' Gunju hija wegghet irkobbtejha fuq il-post tax-xoghol. Hija tghid illi ilha zmien twil tbati b'ugigh f'irkobbtejha u anke esebiet certifikat mediku tat-tabib ortopediku Mr. Massimo Abela.[4] Ghalhekk cemplet lil missierha sabiex jigborha minn fuq il-post tax-xoghol u baqghet sejra ghand it-tabib Michael Farrugia. L-ghada meta marret lura ghax-xoghol x'aktarx b'konsegwenza tal-korriment li kellha fil-jum ta' qabel regghet waqghet u wegghet u ittiehdet l-isptar minn Rose Abela. Hija issotni dina l-verzjoni meta titressaq quddiem il-bord tad-dixxiplina u tipprezenta anke certifikati medici, izda ma tigix emmnuta. Ghaldaqstant hija tigi imkeccija mill-post tax-xoghol. Meta hija tappella minn dina id-decizjoni huwa il-persuna li jimpjegaha u li kien ghadu kemm ha d-decizjoni li ikeccieha, is-CEO Joseph Gafa, li jiehu ukoll id-decizjoni ta'l-appell taghha fejn ovvjament izzomm ferm ma'l-ewwel decizjoni tieghu. Illi l-verzjoni ta'l-imputata hija ikkorroborata mix-xhieda ta' Dr. Michael

[3] Ara Dokument a fol.22 u xhieda ta' Rose Abela a fol.44
[4] Ara certifikati medici Dokument PF1 a fol.154

Farrugia u ta' missierha Emanuel Falzon.[5] Inoltre mir-records tal-Maltapost, esebieti minn Stefania Camilleri johrog car illi fil-jum tas-27 ta' Gunju 2008, l-imputata kienet bil-leave.[6]

Illi ghalhekk maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti ma hemmx dubbju illi fl-atti ma hemmx l-icken prova dwar l-intenzjoni qarrieqa jew ta' xi eghmil doluz kif trid il-ligi kemm fl-artikolu 74 ta'l-Att qabel ma gew introdotti l-emendi u lanqas taht l-artikolu 62(h) li dahal fis-sehh bl-Att XII tal-2010. Fil-fatt anke mix-xhieda tas-sur Joe Gafa u mid-decizjoni esebieta tal-bord tad-dixxiplina jidher car illi n-nuqqas li instab fil-konfront ta'l-imputata kien illi naqqset ghal gurament illi kienet hadet ai termini ta'disposizzjoni tal-ligi li illum ma ghadhiex vigenti, u mhux ghaliex kien hemm xi eghmil doluz minn naha taghha.[7]

Ghaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputata ghall-ebda wahda mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha billi fir-rigward tal-ewwel akkuza hija infondata u ma hijiex legalment ippruvata, filwaqt illi fit-tieni akkuza billi l-artikolu 30 li ghalih tirreferi dina l-akkuza illum ma ghadux jezisti fil-ligi, kwindi il-Qorti ma tistax issib htija taht disposizzjoni tal-ligi indikata fl-akkuza li ma ghadhiex vigenti. Il-Qorti temmen illi nuqqasijiet bhal dawn ma ghandhom qatt jigu indirrizati fil-forum penali. Dan huwa kaz fejn ghandhom jittiehdu proceduri interni, kif fil-fatt ittiehdu, u mhux kas ta' xi reat kriminali. Kien ghal dan il-ghan illi id-disposizzjoni ta'l-artikolu 30 tnehha billi fil-gurnata tal-lum ma ghadux jaghmel sens illi bniedem li jonqos milli jaghmel xogholu ghandu jiffaccja proceduri kriminali iktar u iktar meta illum il-posta dahhlet fis-suq liberalizzat tal-kummerc privat u m'ghadiex tappartjeni lill-Istat.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tillibera lill-imputata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

---

[5] Ara xhieda a fol.168 u 160 rispettivament

[6] Ara xhieda u Dokument SC a fol.132

[7] Document JG11 a fol.126

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------